KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Wieħed (1)***

***L-Erbgħa, 3 ta' Lulju, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 1 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija (6:00pm).

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| Il-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA (attenda l-laqgħa tal-Kunsill b'mod virtwali) |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Il-Laqgħa nżammet illum 3 ta' Lulju minflok it-Tlieta, 2 ta' Lulju kif imniżżel fuq l-Agenda, bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha. Il-Laqgħa nfetħet mill-Kunsilliera Veterana is-Sinjorina Christine Dalli.

**1.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku**

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Formola tal-Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku lis-Sur Karl Boxall. Is-Sur Karl Boxall aċċetta din il-kariga u ffirma l-formola biex b'hekk ikun jista' jieħu l-Ħatra bil-Ġurament quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja is-Sinjura Victoria Scicluna nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju 2024 waqt attivita' li se tiġi mtella mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

**1.2 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Vici Sindku**

1.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Formola tal-Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Vici Sindku lis-Sur Brian Xuereb. Is-Sur Brian Xuereb aċċetta din il-kariga u ffirma l-formola biex b'hekk ikun jista' jieħu l-Ħatra bil-Ġurament quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja is-Sinjura Victoria Scicluna nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju 2024.

**1.3 Assenjament ta' Responsabbilitajiet lill-Kunsilliera**

1.3.1 Is-Sur Karl Boxall ippreżenta id-dekasteri lill-Kunsilliera hekk kif imniżżlin hawn taħt:

**Is-Sur Karl Boxall – Sindku**
L-Infrastruttura, Proġetti, Komunitajiet/Għaqdiet Lokali, Kultura (flimkien mal-kumplament tal-Kunsilliera), PRO u paġni soċjali, Ħaddiema Manwali u Kuntratti (Contracts Manager), Anzjani (flimkien mal-Kunsilliera Naomi Mizzi), Awtorita' tal-Ippjanar, Indafa Pubblika, Finanzi u Infurzar (Korpi u Aġenziji tal-Infurzar)

**Is-Sur Brian Xuereb – Vici Sindku**
Attivitajiet Soċjali (flimkien mas-Sindku)
L-Ambjent Urban u Rurali

**Is-Sur Stephen Attard – Kap tal-Minoranza**
Ġemellaġġi, Postijiet Storiċi, Trasport Pubbliku, L-Immaniġjar tat-Traffiku

**Is-Sur Steven Axisa – Kunsillier**
Attivitajiet Soċjali (flimkien mas-Sindku), Fondi Ewropej

**Is-Sinjorina Christine Dalli – Kunsilliera**
L-Edukazzjoni, L-innovazzjoni

**Is-Sur Jesmond Manicolo – Kunsillier**
Il-Ħarsien tal-annimali, Il-Qasam Soċjali, Attivitajiet tal-Ġimgħa l-Kbira

**Is-Sinjorina Naomi Mizzi – Kunsilliera**
Iż-Żgħażagħ u t-Tfal, L-Anzjani, Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Attivitajiet Soċjali (flimkien mas-Sindku)

Il-Kunsilliera kollha qablu mal-Assenjament ta' dawn id-dekasteri.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda is-Sur Darren Abela.*

Is-Segretarju Eżekuttiv Eżekuttiv awgurat lill-membri kollha ta' dan il-Kunsill il-ħidma t-tajba għal din il-Leġislatura f'isem ir-residenti kollha Għaxqin filwaqt li rringrazzjat lis-Sur Darren Abela (preżenti) u lill-Kunsill preċedenti tal-ħidma tagħhom fil-leġislatura li għaddiet.

Il-Laqgħa ntemmet fis-7:00pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Karl Boxall
Sindku Ħal Għaxaq